

REGOLAMENTI TAL-UŻU — MARKI KOLLETTIVI TAL-UE

- Għandhom jiġu abbozzati b'mod **ċar** u **aċċessibbli**.

jiġifieri b'ċarezza u bi preċiżjoni suffiċjenti li jippermettu lill-qarrej jifhem ir-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati biex tintuża marka kollettiva tal-UE.

- Iridu jiġu ppreżentati fi żmien **xahrejn** mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal marka kollettiva tal-UE.

- Iridu **jikkonformaw mal-politika pubblika u mal-prinċipji aċċettati tal-moralità**.

eż. il-kundizzjonijiet tal-użu jiddiskriminaw bejn l-operaturi tas-suq mingħajr ġustifikazzjoni xierqa

- Iridu jkunu dokument separat. Għalhekk, l- regolamenti tal-użu jridu **jinkludu l-informazzjoni obligatorja** li ġejja kif meħtieġ fl-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/626 tal-5 ta' Marzu 2018 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-“EUTMIR”), preferibbilment strutturata kif previst fl-Artikolu 16 tal-EUTMIR:

1. Isem l-applikant.
<i>L-isem tal-applikant fir-regolamenti tal-użu jrid ikun <u>eżattament l-istess</u> bħal dak rifless fl-applikazzjoni.</i>
2. L-iskop tal-assoċjazzjoni jew l-iskop li għalih hija kkostitwita l-persuna ġuridika regolata mil-liġi pubblika.
<i>Dan ir-rekwiżit jirrigwarda l-iskop tal-assoċjazzjoni/persuna ġuridika. Informazzjoni dwar l-iskop tar-regolamenti tal-użu jew dwar l-għan tal-ħolqien tas-sinjali hija irrilevanti f'dan ir-rigward.</i>
3. Il-korpi awtorizzati li jirrappreżentaw l-assoċjazzjoni jew il-persuna ġuridika regolata mil-liġi pubblika.
<i>Ikun suffiċjenti li ssir referenza għal korpi awtorizzati li jirrappreżentaw l-assoċjazzjoni (eż. President ta'...). Lista ta' ismijiet attwali ta' persuni mhijjex obligatorja.</i>
4. Fil-każ ta' assoċjazzjoni, il-kundizzjonijiet tas-sħubija.
<i>Ir-regoli li jirregolaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni għall-assoċjazzjoni għandhom ikunu inklużi fir-regolamenti tal-użu stess. Kontroreferenzi għal dokument ieħor (eż. artikoli għal statuti jew liġijiet amministrattivi) mhumiex biżżejjed.</i>
5. Rappreżentazzjoni tal-marka kollettiva tal-UE.

Fir-regolamenti tal-użu ir-rappreżentazzjoni tas-sinjal trid tkun eżattament l-istess bħal dik fl-applikazzjoni. Eż. Fil-każ li s-sinjal jiġi applikat bil-kulur, ir-regolamenti tal-użu jridu jinkludu rappreżentazzjoni bil-kulur tas-sinjal.

6. Il-persuni awtorizzati li jużaw il-marka kollettiva tal-UE.

Ir-regolamenti tal-użu għandhom jinkludu indikazzjoni ċara ta' min hu intitolat li juża l-Marka kollettiva tal-UE. Ir-regolamenti tal-użu għandhom jispeċifikaw jekk xi membru huwiex awtorizzat juża l-marka. Jekk dan ma jkunx il-każ, ir-regolamenti tal-użu għandhom jindikaw ir-rekwiżiti addizzjonali. Ir-regolamenti tal-użu ma għandhomx jippermettu li l-Marka kollettiva tal-UE tintuża minn dawk li mhumiex membri; eż. "utenti terzi", "detenturi ta' liċenzja" eċċ.

7. Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu tal-marka kollettiva tal-UE, inklużi s-sanzjonijiet.

Ir-regolamenti tal-użu jridu jinkludu l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-użu imposti fuq l-utent awtorizzat, jekk applikabbli. Pereżempju, kundizzjonijiet speċifiċi dwar it-tikkettar jew ir-rappreżentazzjoni ta' marki figurattivi fuq il-prodott.

L-użu u l-kundizzjonijiet tal-użu fir-regolamenti tal-użu jridu jirreferu għar-rappreżentazzjoni tas-sinjal kif mitlub fl-applikazzjoni (ara l-punt 5). Għaldaqstant, kwalunkwe varjazzjoni fil-kulur mhijiex permessa, u fil-każ ta' trademarks figurattivi, lanqas l-użu tagħhom bħala marki ta' kelma.

Huwa obligatorju li jiġu speċifikati s-sanzjonijiet xierqa (jekk ikun hemm) f'każ li l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu ma jiġux rispettati.

8. L-oġġetti jew is-servizzi koperti mill-marka kollettiva tal-UE, inkluża, fejn xieraq, kwalunkwe limitazzjoni introdotta bħala konsegwenza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1)(j), (k) jew (l) tar-Regolament (UE) 2017/1001.

Fir-regolamenti tal-użu, il-lista ta' oġġetti u/jew servizzi trid tkun eżattament l-istess bħal dik ipprovduta fl-applikazzjoni. Ir-referenza għan-numru tal-applikazzjoni EUTM jew għan-numru IR mhijiex suffiċjenti.

Kwalunkwe restrizzjoni sussegwenti tal-ispeċifikazzjoni tal-oġġetti u/jew tas-servizzi għandha tkun riflessa bl-istess mod f'verżjoni ġdida tar-regolamenti tal-użu.

9. Fejn xieraq, l-awtorizzazzjoni msemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 75(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001.

F'każ li l-marka kollettiva, b'deroga mill-Artikolu 7(1)(c) tal-EUTMR, tindika l-oriġini ġeografika tal-oġġetti jew tas-servizzi, huwa obligatorju li fir-regolamenti tal-użu tkun

indikata b'mod espliċitu l-possibbiltà għal kwalunkwe persuna li l-oġġetti u/jew is-servizzi tagħha joriġinaw miż-żona ġeografika kkonċernata biex issir membru tal-assoċjazzjoni.

- Kunsiderazzjonijiet addizzjonali:
 - L-Uffiċċju jirrakkomanda li tiġi evitata s-sottomissjoni ta' **dokumenti addizzjonali jew annessi**. Madankollu, f'każ li fir-regolamenti tal-użu ssir referenza għal kwalunkwe dokument addizzjonali (eż. regoli li jirregolaw l-assoċjazzjoni), l-Uffiċċju jirrakkomanda s-sottomissjoni ta' **links tal-internet li jaħdmu** fejn l-aħħar verżjoni tagħhom tkun aċċessibbli faċilment. L-annessi jiffurmaw parti mir-regolamenti tal-użu. Għalhekk, kwalunkwe modifika fid-dokumenti sottomessi bħala annessi trid tiġi notifikata lill-Uffiċċju.
 - F'każ li l-applikant jissupplimenta l-informazzjoni obligatorja inkluża fir-regolamenti tal-użu b'**annessi**, dawn għandhom jiġu identifikati b'mod ċar b'numru fit-test tar-regolamenti tal-użu u fid-dokumenti mehmuża, bl-għan li l-qarrej ikun jista' jidentifika faċilment il-konnessjoni tagħhom u jżomm il-konsistenza.
 - F'każ li l-applikant jimmodifika r-regolamenti tal-użu sabiex jegħleb kwalunkwe nuqqas identifikat mill-Uffiċċju, l-applikant irid **jissottometti r-regolamenti tal-użu riveduti b'mod sħiħ** (mhux siltiet).
 - Ladarba l-Marka kollettiva tal-UE tkun ġiet irreġistrata, **kwalunkwe verżjoni emendata tal-regolamenti tal-użu għandha tiġi sottomessa lill-Uffiċċju** mill-proprietarju tal-marka kollettiva tal-UE skont l-Artikolu 79 tal-EUTMR. Tali **emenda se tiġi eżaminata mill-ġdid** bil-ħsieb li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 75 tal-EUTMR u tiżgura li ma tinvolvix waħda mir-raġunijiet għal rifjut minquxa fl-Artikolu 76 tal-EUTMR. L-emendi fir-regolamenti tal-użu se jidħlu fis-seħħ biss mid-data tad-dħul tar-referenza tal-emenda fir-Reġistru.
- Informazzjoni addizzjonali dwar l-eżaminazzjoni ta' Marki kollettivi tal-UE hija disponibbli fil-Linji Gwida tal-EUIPO:
<https://guidelines.euipo.europa.eu/1778656/1747650/linji-gwida-tat-trademarks/introduzzjoni>
 - Parti B Eżaminazzjoni, Taqsima 2 Formalitajiet, Kapitolu 8 Tip ta' Marka, Paragrafu 8.2. Marki kollettivi
 - Parti B Eżaminazzjoni, Taqsima 3 Raġunijiet assoluti għal rifjut, Kapitolu 15 Marki kollettivi